MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1109/2003

**GDL Trading & Services Ltd**

**Vs**

**Thomas Busuttil**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1215.60 (elf mitejn u hmistax-il lira Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ghal diversi konsenji.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' elf mitejn u hmistax-il lira Maltin u sittin centezmu (Lm1215.60), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' 'appliances' varji, imwejjed, siggijiet, u slielem konsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fil-hanut

tieghu ‘Busuttil Richard Household Goods’, ta’ Mannarino Road, Birkirkara.

Minkejja li l-konvenut gie interpellat ghal numru kbir ta’ drabi sabiex ihallas l-ammont dovut minnu, minkejja li wieghed li kien sejjer ihallas, huwa baqa` inadempjenti.

Bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez.
Ra r-risposta fejn inghad:-
1. Illi l-ammont pretiz huwa preskritt skond il-ligi.
2. Illi l-ammont m’huwiex dovut minn Thomas Busuttil personali.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi l-konvenut qed jibbaza d-difiza tieghu fuq zewg (2) binarji ossia dik tal-preskrizzjoni u dik mhux il-legittimu kontradittur. Di fatti huwa kien jagixxi f'isem is-socjeta’ tieghu TEG Industries Ltd.

Jirrizulta pero' li min kien jircevihom ma kienx jaghmel kwalifika. Inoltre il-fatturi dejjem hargu fuq ismu qatt fuq il-kumpanija. Ma jirrizultax li rreklama fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

Relattivament ghal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni il-konvenut naqas li jindika l-artikolu 'de quo u per tanto l-perjodu applikabbli. Pero' t-Tribunal jikkonsidera dak il-perjodu kwinkwennali in vista li huma negozji bejn zewg kummercanti bi skop ahhari ta' lukru ghall-akkwirent ossia l-konvenut.

L-interruzjoni tal-preskrizzjoni tista tigi pruvata jew b'att gjudizzjarju, pagament akkont jew rrikonoxxi. Fl-ebda mument tax-xiehda tieghu l-konvenut ma cahad li ghandhu jaghti. Ma giex sottomess ghal procedura tal-gurament decisorjo tramite is-subizzjoni. Ma cahadx li l-oggetti ma gewx lilu konsenjati. Meta gie mitlub ripetivament il-pagament, qatt ma eccipixxa il-preskrizzjoni 'a tempo vergine' izda kien jilamentaw li kien

ghadhu ma thallasx mis-socjeta' assiguratrici wara ncident ta' hruq. Kien jinfurmhom illi l-kawza kienet ghadha ghaddejja u ser ihallas hekk kif thallas. L-anqas ried jaghmel pagamenti akkont izda kollox f'daqqa.

Jirrizulta lit-Tribunal illi s-socjeta' attrici irnexxilha tipprova l-interruzjoni tal-preskrizzjoni invokata mill-konvenut. In vista ukoll li naqas li jitlob l-kjamata fil-kawza tas-socjeta' TEG Industries Ltd., kif ukoll li naqas li jipprova li kienet dik s-socjeta' li kienet debitrici, huwa ghandhu jkun tenut li jirrispondi ghat-talbiet tal-attrici.

Jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' it-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm 1215 bl-ispejjes u nteressi kif mitluba min data indikata kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------